MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 96/2005

**Double R Meats Co. Limited (C21340)**

**Vs**

**Khaled Hassan (ID 291495)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef mija sitta u sittin lira disa' u tletin centezmu (Lm3,166.39c) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' laham lill-konvenut ikkonsenjat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat mal-avviz, u bl-imghax kummercjali mill-10 ta' Dicembru 2004, li hija d-data tal-ahhar konsenja. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness prospett a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' Mejju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3166.39,0 bl-imghax kummercjali mill-ghaxra (10) ta' Dicembru 2004, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' qbid tat-22 ta' Frar 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------